MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 332/2003

**Francis Ellul, Francis Scerri, Romeo Vella, Carmel Xuereb, Richard Attard, Carmel Portelli, Emmanuel Deguara.**

**vs**

**Malta Shipbuilding Company Limited u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2004 Saviour Gauci f'isem il-Gvern ta' Malta bhala successur tal-Malta Drydocks assuma l-atti tal-kawza.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi l-atturi huma mpjegati mas-socjeta' konvenuta;

U premess illi fis-sena elfejn (2000) inhargu applikazzjonijiet ghal promozzjonijiet fil-grad ta' *Departmental Managers* mas-socjeta' konvenuta;

U premess illi l-atturi kienu fost dawk li applikaw ghall-grad in kwistjoni fejn anke attendew ghall-intervista maghmula mill-Bord mahluq mill-istess socjeta' konvenuta ghall-istess fini;

U premess illi wara l-imsemmija intervisti s-socjeta' konvenuta hatret numru ta' *Departmental Managers* izda l-atturi ma kienux fost dawk mahtura;

U premess illi l-atturi hassew ruhhom aggravati mid-decizjoni milhuqa mill-istess Bord stante illi l-proceduri segwiti matul l-intervista u li permezz taghhom is-socjeta' konvenuta waslet ghall-hatra ta' *managers* godda ma kienux maghmula b'mod sodisfacenti izda anzi kienu bi vjolazzjoni ta' ftehim *ad hoc* dwar *management structure* gdida datat 2 ta' Gunju 2000 (Dok. FE1), u wkoll bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali;

U premess illi, in segwitu tal-agir tas-socjeta' konvenuta, inqalghet tilwima industrijali bejn is-socjeta' konvenuta u l-*General Workers Union,* liema tilwima giet riferuta lill-arbitru indipendenti appuntat ai termini ta' ftehim li ntlahaq bejn is-socjeta' konvenuta u l-istess *Union* fis-27 ta' Dicembru 2000 (Dok. FE2);

U premess illi l-imsemmi arbitru intervista lill-atturi u finalment ikkonkluda li waqt il-process ta' l-ghazla kien hemm '*a substantial element of unfairness',* u rrakkomanda li l-atturi jergghu jkunu intervistati mill-gdid, din id-darba minn bord diversament kompost;

U premess li l-atturi jkunu zvantaggati u pregudikati jekk jissottomettu ruhhom ghal *assessment* iehor bi kriterji iktar

iebsa u laborjuzi stante illi l-kriterji proposti mhumiex il-kriterji li ntuzaw meta gew promossi l-*managers* l-ohra;

Ghaldaqstant tghid is-socjeta’ konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. Tiddikjara li l-agir tas-socjeta’ konvenuta meta naqset li taghti promozzjoni lill-atturi, jew min minnhom, ghall-grad ta’ *Departmental Managers* huwa abbuziv, diskriminatorju u bi vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali;

2. Tiddikjara li l-atturi m’ghandhomx ikunu soggetti ghal process ta’ ghazla iehor li jpoggihom fi zvantagg fil-konfront ta’ *managers* diga mahtura;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 31 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ghar-ragunijiet segwenti:

2. Illi s-socjeta’ eccipjenti fil-process tal-promozzjonijiet ghall-grad ta’ *Departmental Managers* agixxiet ghal kollox skond l-obbligazzjonijiet kontrattwali u legali taghha, u fil-parametri tad-drittijiet u l-perogattivi taghha.

3. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju, il-kwistjoni bejn il-kontendenti dwar il-hatriet ta’ *Departmental Managers* diga’ giet rimessa ghall-gudizzju finali u inappellabbli ta’ Arbitru u l-partijiet kollha huma konsegwentement marbuta bid-decizjoni ta’ l-istess Arbitru tal-14 ta’ Marzu 2001 li ddetermina il-jeddijiet u l-obbligazzjonijiet tal-kontendenti u ta’ rimedju ghall-lanjanzi tal-atturi.

4. Illi ghalhekk l-atturi huma marbuta bil-procedura stabbilita' mill-Arbitru fid-decizjoni msemmija.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta a fol. 32 tal-process.

Rat illi s-socjeta` konvenuta giet xjolta u stralcjata fil-mori tal-kawza u ghalhekk fl-10 ta' Marzu 2004 (fol 112) inghata digriet illi permezz tieghu Saviour Gauci f'isem il-Gvern ta' Malta bhala successur tal-Malta Drydocks assuma l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza, id-dokumenti kif wkoll l-affidavits ezebiti miz-zewg partijiet.

Rat in-noti t'osservazzjonijiet sottomessi mid-difensuri tal-partijiet.

**Fatti**

Hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza. Fil-bidu tas-sena 2000, il-Gvern ried illi jqarreb il-mod kif kienu joperaw iz-zewg tarznari u cioe il-Malta Drydocks u l-Malta Shipbuilding Company Limited. Ghal dan il-ghan, saru diskussjonijiet u fit-2 ta' Gunju 2000, intlahaq ftehim ghar-ristrutturar tas-sistema manigerjali, bejn it-tmexxija tal-Malta Shipbuilding Company Limited u l-General Workers Union ghan-nom tal-haddiema tas-socjeta' konvenuta, fosthom l-atturi.

Illi dan il-ftehim kien jistipula illi l-*managers* kollha ta' Grad I u II jigu awtomatikament promossi ghal Grad III. Sussegwentement il-*managers* tat-III Grad jigu assessjati biex min minnhom ikun dehen, jinghata wkoll il-promozzjoni ghal-grad ta' *Departmental Manager*. Il-ftehim ma kienx jistipula il-kompozizzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla biex jinhatru dawn id-*Departmental Managers* izda

gew stipulati l-kriterji li fuqhom kellu jimxi l-kumitat sabiex jiddetermina min kellu jinghata l-promozzjoni.

Effettivament minn dsatax il-Manager tal-Grad III li kienu eligibbli, sbatax ghazlu li jattendu ghall-intervista u minn dawn gew promossi disgha. It-tmienja l-ohra, fosthom is-seba' atturi, m'inghatawx il-promozzjoni ghall-grad ta' *Departmental Managers.*

Malli hargu dawn ir-rizultati, il-General Workers Union irregistrat tilwima industrijali. Jidher illi waqt it-trattattivi bejn it-tmexxija tax-*Shipbuilding* u t-tmexxija tal-*Union*, li eventwalment wasslu ghall-ftehim citat, il-General Workers Union kienet fehmet illi bil-procedura li kellha tigi adottata, tnejn biss mill-Managers Grade III kellhom ma jinghatawx il-promozzjoni ghal *Departmental Managers*[1]. Jekk sar dan it-tip ta' diskors, ma jirrizultax li kien imnizzel fil-ftehim.

It-tilwima ndustrijali giet rizolta billi l-partijiet waslu ghal ftehim iehor fis-27 ta' Dicembru 2000, fejn qablu illi l-kwistjoni kellha tigi riferuta lil Arbitru indipendenti. Skond il-klawzola 4 ta' dan il-ftehim hemm stipulat li: *"Qed jigi miftiehem ukoll illi d-decizjonijiet mehuda minn dan l-arbitru huma finali u ma jistghux jigu revokati jew appellati mill-ebda naha. Kull parti ghandha l-obbligu li tonora dawn id-decizjonijiet."*

Bi qbil, gie mahtur Edmond Tabone bhala arbitru, li ssottometta l-lodo tieghu fl-14 ta' Marzu 2001. L-arbitru ddecieda li kien hemm element ta' "*unfairness"* fil-mod kif gew interviztati l-atturi. Ghall-pratticita` pero' huwa ddecieda illi l-*managers* li ma gewx promossi jinghataw opportunita` gdida biex jergghu jigu ntervistati fi zmien qasir u mhux izjed tard mis-16 t'April 2001. Inoltre, l-arbitru fassal proceduri u regoli godda dwar dawn l-intervisti.

Din id-decizjoni m'ghogbitx lil General Workers Union ghaliex hasset illi b'hekk dawn il-*managers* kienu ser jigu

[1] Dana xiehdu s-Sur Carmelo Vella rapprezentant tal-General Workers Union.

ezaminati bi kriterji izjed ibsin u laborjuzi mill-*managers* l-ohra li gew promossi. Kien dan l-ilment li wassal ghall-dina l-kawza.

## Konsiderazzjonijiet

## Talbiet

Fil-kaz in ezami l-Qorti trid tiddeciedi fuq it-talbiet li ghandha quddiemha.

Iz-zewg talbiet attrici huma li dina l-Qorti :

1. Tiddikjara li l-agir tas-socjeta' konvenuta meta naqset li taghti promozzjoni lill-atturi, jew min minnhom, ghall-grad ta' *Departmental Managers* huwa abbuziv, diskriminatorju u bi vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali;

2. Tiddikjara li l-atturi m'ghandhomx ikunu soggetti ghal process ta' ghazla iehor li jpoggihom fi zvantagg fil-konfront ta' *managers* diga mahtura;

Kieku l-Qorti kellha tilqa' dawn iz-zewg talbiet kif inhuma, u ssib li l-agir tas-socjeta` konvenuta kien abbusiv u diskriminatorju u li l-atturi m'ghandhomx ikunu soggetti ghall-process iehor ta' ghazla, xorta wahda fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti ma tistax tiddeciedi li huma ghandhom jigu promossi ghall-grad ta' *Departmental Manager*s (kif apparentement iridu) billi talba simili ma saritx u din lanqas tista' ssegwi awtomatikament miz-zewg talbiet attrici.

## Arbitration

L-atturi ressqu l-provi taghhom fil-mertu, principalment fuq il-fatt li skond huma kellhom il-kwalifici necessarji sabiex jinghataw il-promozzjoni. Izda l-atturi ma talbux lil din il-Qorti sabiex tannulla d-decizjoni ta' l-Arbitru. L-atturi

kienu jafu li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li tali decizjoni ma tistax tigi appellata.

Infatti jirrizulta illi fil-ftehim tas-27 ta’ Dicembru 2000, il-partijiet kienu ddecidew illi d-decizjoni tal-Arbitru maghzul minnhom kellha tkun finali u minghajr dritt ta’ appell. Illum il-partijiet setghu gew quddiem din il-Qorti b’allegazzjoni illi d-decizjoni tal-Arbitru hija nvalida ghal diversi ragunijiet u talbu l-annullament taghha. Izda dan ma sarx u ma jistghux jigu quddiem din il-Qorti bi kwistjoni u kontestazzjoni dwar il-mertu tad-decizjoni ta’ l-arbitru. L-iskop wara l-ftehim ta’ bejn il-partijiet kien li d-decizjoni ta’ l-arbitru ma tigix riveduta u tkun wahda finali li torbot liz-zewg partijiet.

Mhux talli l-atturi m’humiex jattakkaw il-validita` tad-decizjoni ta’ l-arbitru, imma huma qed jistriehu fuqha ghal kaz taghhom quddiem din il-Qorti billi l-arbitru rrimarka li *“a substantial element of unfairness was to me evident on most individuals”.*

Illi ghalhekk sakemm id-decizjoni ta’ Arbitru mhux qed tigi attakkata bhala nvalida, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ma jistghux l-atturi jippretendu illi jappellaw mid-decizjoni ta’ l-arbitru sempliciment ghaliex ma toghgobhomx. Ma jistghux jaghzlu mid-decizjoni ta’ l-arbitru l-parti biss li taqbel lilhom u ma’ jaqblux mas-suggeriment li ghamel fid-decizjoni tieghu li jsiru *interviews* mill-gdid. Din it-tip ta’ revizjoni ma tistax issir, m’hux b’effett ta’ xi ligi ordinarja izda b’effett tal-ftehim tas-27 ta’ Dicembru 2000, li ghandu effett ta’ ligi bejn il-partijiet, fejn il-partijiet bil-kunsens infurmat taghhom ghazlu li jeskludu tali dritt ta’ revizjoni.

Ghalhekk l-Qorti ma tistax tezamina l-mertu tal-kwisjoni, ghaliex b’applikazzjoni ta’ dak miftiehem minn qabel bejn il-partijiet, il-mertu tal-kwistjoni gie deciz mill-Arbitru fil-lodo tieghu tal-14 ta’ Marzu 2001.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------